# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2006

# RELIĠJON

# TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

**A. Agħmel sinjal ✓ ħdejn l-aħjar tweġiba.** **(10 marki)**

**Eżempju.** Aħna ma narawx lil Alla għaliex

| | | |
|---|---|---|
| i. | Hu trasparenti. | |
| ii. | jgħix bogħod minna. | |
| iii. | Hu Spirtu. | ✓ |
| iv. | jgħix f'Ruma. | |



a. Nafu li Alla jista' kollox għax

| | | |
|---|---|---|
| i. | Hu ħalaq kollox. | |
| ii. | Hu qisu ġgant. | |
| iii. | hekk qalu l-qaddisin. | |
| iv. | hekk qalulna l-ġenituri. | |

b. Alla ħalaqna għax

| | | |
|---|---|---|
| i. | ried jimla d-dinja bil-bnedmin. | |
| ii. | ma jistax jgħaddi mingħajrna. | |
| iii. | iddejjaq jgħix waħdu. | |
| iv. | iħobbna. | |

ċ. Fost il-ħlejjaq kollha li ħalaq Alla

| | | |
|---|---|---|
| i. | l-bniedem hu l-favorit tiegħu. | |
| ii. | l-fjuri huma l-isbaħ għalih. | |
| iii. | x-xmajjar u n-nixxigħat huma l-aħjar għalih. | |
| iv. | l-muntanji huma l-aqwa għalih. | |

d. Alla jieħu gost bina l-bnedmin għax

| | | |
|---|---|---|
| i. | nistgħu naqraw u nitgħallmu. | |
| ii. | għandna ruħ maħluqa xbieha tiegħu. | |
| iii. | nistgħu nixxabbtu ma' l-għola muntanja. | |
| iv. | nistgħu nduru madwar id-dinja. | |

e. Alla wriena l-imħabba kbira tiegħu

| | | |
|---|---|---|
| i. | meta twieled Ġesù biex isalvana. | |
| ii. | meta tana l-ġenituri. | |
| iii. | meta ħalaq il-ġenna għalina. | |
| iv. | meta jisma' t-talb tagħna. | |

f. Aħna nuru lil Alla li verament inħobbuh

| | | |
|---|---|---|
| i. | meta niċċelebraw il-festi. | |
| ii. | meta nobdu l-Kmandamenti. | |
| iii. | meta nieħdu l-fjuri l-knisja. | |
| iv. | meta nkunu ndaf u b'saħħitna. | |

ġ. Meta nistudjaw ix-xjenza

| | | |
|---|---|---|
| i. | niskopru kemm hu kbir Alla. | |
| ii. | nsiru nsara aħjar. | |
| iii. | nitgħallmu l-Kelma t'Alla. | |
| iv. | nindunaw li Alla ma jeżistix. | |

g. Ladarba aħna maħluqin minn Alla

| | | |
|---|---|---|
| i. | qatt ma nagħmlu dnub. | |
| ii. | aħna liberi li nagħmlu kulma rridu. | |
| iii. | nistgħu nsibu l-paċi biss meta nkunu magħqudin miegħu. | |
| iv. | qatt ma nimirdu jew immutu. | |

għ. Alla jrid li aħna

| | | |
|---|---|---|
| i. | nħobbuh u nagħmlu dak li jrid Hu. | |
| ii. | naħdmu biex insiru sinjuri. | |
| iii. | nkunu intelliġenti bħalu. | |
| iv. | nkunu b'saħħitna daqsu. | |

h. Waqt il-lezzjoni tar-reliġjon nitgħallmu

| | | |
|---|---|---|
| i. | l-istejjer tal-Bibbja bl-amment. | |
| ii. | l-istejjer kollha tal-qaddisin. | |
| iii. | kemm iħobbna Alla u kif għandna nħobbuh. | |
| iv. | l-parabboli kollha li qal Ġesù. | |

## B. Storja ta' Omm **(16-il marka)**



Meta ibni Simon beda jattendi l-iskola Primarja, kont niktiblu nota u npoġġiha mal-*lunch.* Ħafna drabi kienet tkun xi nota biex ngħidlu grazzi, jew biex nagħmillu kuraġġ għal xi eżami jew xi logħba jew biex infakkru ma jinsiex jagħmel xi ħaġa. Darba f'mitt qamar kont inwissih fuq id-dmirijiet żgħar tiegħu. Qabel jitlaq mid-dar, Simon u jien konna ngħidu talba żgħira flimkien. Imbagħad insellmu lil xulxin.

Sakemm baqa' fil-Primarja Simon kien jieħu pjaċir b'dawn in-noti. Imma meta kiber bdew idejquh xi ftit. Meta kien Form III qalli biex ma nibqax niktibhomlu aktar għax issa kien kiber u ma kellux bżonn priedki. Jien weġibtu li dawk in-noti kienu għajnuna għalija daqskemm kienu għalih. Għalhekk bqajt niktibhom sakemm kiber u beda jaħdem ma' kumpanija barra minn Malta.

Simon issa għandu 24 sena u jiġi jarani kull sitt xhur. Tgħidx kemm nifraħ kull darba li jiġi Malta! Nhar it-Tnejn kien hawn u mar *abseiling*. Kif kont qed nagħmel il-kolazzjon għar-raġel tiegħi għamilt ieħor għalih ukoll. Inħallikom taħsbu kif bqajt skantata x'ħin ċempilli fuq il-*mobile phone* għal xi l-ħdax. Qalli li sab ħaġa nieqsa mal-kolazzjon.

"Mela m'għadekx tħobbni, ma?" staqsieni.

Ma stajtx nifhem x'kien hemm ħażin fil-kolazzjon. Malajr malajr staqsejtu x'ġara u bid-daħqa qalli, " Dalgħodu m'għedniex talba flimkien qabel tlaqt u ma kienx hemm nota mal-*lunch*".

**<u>Wieġeb.</u>**

a. Kieku int kont omm Simon, x'talba kont tgħid miegħu qabel jitlaq mid-dar biex imur jagħmel l-eżami tal-*Junior Lyceum*? Ikteb it-talba. (4 marki)

______________________________

______________________________

b. Semmi żewġ eżempji **oħra** meta l-ġenituri għandhom jitolbu ma' wliedhom. (4 marki)

i. ______________________________

ii. ______________________________

ċ. Ikteb sentenza biex turi għaliex it-talb huwa importanti għal min jemmen f'Alla. (2 marki)

Għandna nitolbu għaliex ______________________________

______________________________

d. Ikteb il-Kmandament li jgħid li aħna għandna nobdu lill-ġenituri u lil dawk li huma minn flokhom. (2 marki)

______________________________

e. X'jistenna Alla mill-ġenituri u minn dawk li huma minn flokhom b'dan il-Kmandament? Agħti żewġ eżempji. (4 marki)

i. ______________________________

______________________________

ii. ______________________________

______________________________

## Ċ. Il-Magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni l-Battista. (25 marka)



Ġwanni għadda ħajtu jitlob u jsum ħdejn ix-xmara Ġordan. Kien raġel qaddis u profeta. Għammed fix-xmara Ġordan lil dawk li nidmu minn dnubiethom. Ħafna Lhud minn Ġerusalemm u mill-Ġudea marru lejn ix-xmara tal-Ġordan biex jaraw lil Ġwanni u jisimgħu t-tagħlim tiegħu. Qatt ma qal li kien il-Messija u lanqas wieħed mill-profeti. Ried biss jgħid lil-Lhud li l-Messija kien wasal biex jibda l-ħidma tiegħu fosthom.

Darba Ġesù nnifsu mar lejn ix-xmara Ġordan u talab lil Ġwanni jgħammdu. Ġwanni ma ħassx li kien jixraqlu jgħammed lil Ġesù. Imma meta Ġesù insista, Ġwanni aċċetta.

X'ħin Ġesù kien ħiereġ mill-ilma, leħen il-Missier instema' mis-sema jgħid, "Dan hu ibni l-għażiż li fih insib il-għaxqa tiegħi." L-Ispirtu s-Santu niżel fuqu taħt forma ta' ħamiema. Dan kien il-bidu tal-ħidma ta' Ġesù fost il-Lhud.

Bħal Ġesù, aħna tgħammidna f'isem it-Trinità. Kien waqt il-Magħmudija ta' Ġesù fuq ix-xatt tax-xmara Ġordan li l-misteru tat-Trinità Qaddisa ntwera lill-bnedmin għall-ewwel darba.

**<u>Wieġeb.</u>**

a. Ġwanni l-Battista ħejja t-triq għal Ġesù. Aħna meta nħejju ruħna għall-miġja ta' Ġesù?
Poġġi (✓) fil-kaxxa t-tajba. (marka waħda)

| | |
|---|---|
| Pentekoste | |
| Avvent | |
| Randan | |

b. Bħal Ġwanni l-Battista, Ġesù jrid li aħna nindmu. Aqra dawn is-sentenzi u ikteb sentenza biex turi kif dawn it-tfal jistgħu juru li huma ddispjaċihom minn dnubiethom. (6 marki)

**Eżempju: Peter qal kontra Philip għax ma jaħmlux.**
**<u>Peter għandu jgħid affarijiet sbieħ fuq Philip</u>.**

i. Martha dejjem tqarraq waqt il-logħob.

ii. Ġorġ jaqsam it-triq bl-addoċċ.

iii. Andrew seraq xi flus mill-basket ta' sieħbu tal-klassi.

ċ. Il-klassi ta' Paul kienet lestiet il-lezzjoni fuq il-Magħmudija. Wara l-iskola, Paul għadda sal-knisja. Hu rringrazzja lil Alla tal-grazzji li rċieva fil-Magħmudija. Ikteb żewġ eżempji ta' grazzji li tagħtina l-magħmudija. (6 marki)

**Eżempju: Tagħmilna tempju ta' l-Ispirtu s-Santu.**

i.

ii.

d. Ikteb tliet sentenzi biex tiddeskrivi x'jagħmel il-qassis fiċ-ċeremonja tal-magħmudija. Dan il-kliem jista' jgħinek: **isem, ilma, Spirtu s-Santu, wegħdiet tal-Magħmudija, parrinijiet, libsa bajda, blandun**. (6 marki)

i. ____________________

____________________

ii. ____________________

____________________

iii. ____________________

____________________

e. Ikteb talba biex tfaħħar lit-tliet Persuni tat-Trinità li tibda bil-kliem li ġejjin. (3 marki)

**Glorja lill-** ____________________

____________________

____________________ Amen.

f. Il-Magħmudija hi l-ewwel fost is-seba' sagramenti. Ikteb is-sitta l-oħra. (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |

## D. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxex. Kull kelma jew frażi tista' tintuża darba biss. (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| qima | mit-testment il-qadim | ġisem | Vanġeli | ringrazzjament |
| Kelma | nqumu bil-wieqfa | mewt | konsagrazzjoni | qawmien |

a. Fl-ewwel parti tal-quddiesa, nisimgħu l-____________________ t'Alla.

b. L-ewwel qari fil-Liturġija tal-Kelma nhar ta' Ħadd ikun meħud ____________________.

ċ. It-tielet qari tal-Liturġija tal-Kelma tal-Ħadd ikun meħud mill-____________________.

d. Waqt il-qari tal-Vanġelu, ____________________ bħala sinjal ta' rispett lejn Ġesù.

e. Waqt il-____________________ l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-____________________ u fid-demm ta' Ġesù.

f. Fil-quddiesa niċċelebraw it-tifkira tal-____________________ u l-____________________ ta' Ġesù.

ġ. Il-Quddiesa hi l-qalba tal-ħajja tal-Knisja għaliex Ġesù nnifsu jingħaqad magħna biex joffri ____________________ u ____________________ lill-Missier.

## E. X'niċċelebraw f'kull waħda minn dawn il-festi? (10 marki)

| **Eżempju**: **Ħadd il-Għid** | | **Ġesù qam mill-mewt.** |
|---|---|---|
| a. | Pentekoste | |
| b. | Il-Milied | |
| ċ. | Il-Ġimgħa l-Kbira | |
| d. | L-Epifanija | |
| e. | L-Immakulata Kunċizzjoni | |



## F. Agħti żewġ eżempji kif għandna niċċelebraw il-festi reliġjużi b'mod verament nisrani.

**(4 marki)**

i. ______________________________________________

______________________________________________

ii. ______________________________________________

______________________________________________

## Ġ. Kompli dawn is-sentenzi dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta. (10 marki)

**Eżempju**: L-10 ta' Frar ifakkarna f'**<u>San Pawl</u>**.

a. F'dan il-jum, nirringrazzjaw lil Alla għaliex il-Maltin saru________________________.

b. Meta San Pawl kien sejjer Ruma, qamet ________________________.

ċ. Wara erbatax-il jum waslu ________________________.

d. Il-Maltin qabbdu ________________________ biex Pawlu u sħabu jinxfu mill-ilma.

e. Pawlu ġabar xi zkuk u poġġihom fin-________________________.

f. Lifgħa ħarġet min-nar u qabdet ma' ________________________ Pawlu.

ġ. Pawlu farfar ________________________ u ma ġralu xejn.

g. Il-Maltin ħasbu li Pawlu kien xi ________________________.

għ. Wara, Pawlu fejjaq ħafna ________________________.

h. Pawlu telaq lejn ________________________ wara li qatta' tliet xhur fuq il-gżira.

**G. Ikteb għaxar sentenzi dwar WIEĦED minn dawn:** **(15-il marka)**

a. Marija l-Omm tagħna.

b. Il-Knisja – il-familja t'Alla.

ċ. Il-Bibbja.

